Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2023/2113(INI)

29.11.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt
(2023/2113(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Adrián Vázquez Lázara

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Ġenerali

1. Ifakkar li l-istruttura legali tal-Unjoni hija bbażata fuq il-premessa fundamentali li kull Stat Membru jaqsam mal-Istati Membri l-oħra kollha sett ta' valuri komuni li fuqhom hija msejsa l-UE, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[1]; ifakkar ukoll li l-istat tad-dritt, kif minqux fil-liġi primarja tal-UE u definit aktar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), huwa simili għad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; ifakkar li l-istat tad-dritt u l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli huma essenzjali għall-ġlieda kontra t-tixrid ta' reġimi awtoritarji u l-ksur tad-dritt internazzjonali u jgħinu biex jiġu kkonsolidati l-istrutturi demokratiċi u jiġu mħarsa d-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li kwalunkwe rigress tal-istat tad-dritt, li huwa bbażat fuq is-separazzjoni u l-ibbilanċjar tas-setgħat, fi kwalunkwe Stat Membru partikolari jaffettwa b'mod sinifikanti l-ispazju komuni tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, kif ukoll il-fiduċja reċiproka u r-rikonoxximent reċiproku bħala l-prinċipji ewlenin tad-dritt tal-UE f'dan il-qasam[2];

2. Jilqa' r-raba' Rapport dwar l-Istat tad-Dritt ("ir-Rapport") tal-Kummissjoni u jqis li r-rieżami perjodiku tal-istat tad-dritt huwa għodda ta' monitoraġġ essenzjali; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza li l-Kummissjoni tuża kriterji ċari u oġġettivi meta tipprovdi l-valutazzjoni tagħha, biex b'hekk jiġu evitati allegazzjonijiet ta' trattament mhux ugwali tal-Istati Membri jew l-użu ta' data selettiva biss; jilqa', f'dan ir-rigward, l-approċċ tal-Kummissjoni li tirċievi l-kontribut tal-Istati Membri, u b'hekk trawwem djalogu komuni; jilqa' l-klassifikazzjoni l-ġdida adottata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kejl tal-progress fuq rakkomandazzjonijiet tal-passat, f'erba' kategoriji: (a) l-ebda progress, (b) xi progress, (c) progress sinifikanti, u (d) implimentazzjoni sħiħa; fid-dawl tal-problemi li jinvolvi l-ġbir ta' data statistika mill-Istati Membri, jirrimarka l-utilità tal-għodod tal-Kunsill tal-Ewropa bħar-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ)[3] tal-Kunsill tal-Ewropa, biex b'hekk tinħoloq, kemm jista' jkun, konverġenza bejn l-inputs tad-data differenti;

Ġustizzja

3. Jirrikonoxxi l-importanza mogħtija lis-sistemi ġudizzjarji permezz tar-rapportar dwar l-istat tad-dritt, b'mod partikolari fir-rigward tal-legalità, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin u l-ħatriet, il-promozzjonijiet, is-sensji u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji; jirrikonoxxi li ma teżisti l-ebda sistema komuni tal-UE għan-nomina tal-imħallfin; ifakkar, madankollu, li l-Istati Membri kollha jeħtieġ li jaderixxu mal-istandards minimi

[1] Ara l-Opinjoni 2/2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Seduta Plenarja) tat-18 ta' Diċembru 2014, ECLI:UE:C:2014:2454, il-paragrafu 168.
[2] Ibid., il-paragrafu 191.
[3] Ċikli tal-evalwazzjoni tas-CEPEJ.

tal-Kunsill tal-Ewropa[4] u tal-QĠUE[5]; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza ta' kunsilli indipendenti tal-ġudikatura, li jridu jkunu magħmula minn maġġoranza sostanzjali ta' mħallfin eletti mill-pari tagħhom u mogħtija s-setgħa b'awtorità sostanzjali fuq l-għażla, l-avvanz u l-proċeduri dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin; jiddispjaċih ħafna li mhux l-Istati Membri kollha ssodisfaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward; jiddeplora l-effett devastanti li dan għandu fuq l-indipendenza u l-integrità tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom;

4. Jirrikonoxxi li kważi żewġ terzi tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-2022 relatati ma' riformi importanti ġew segwiti sa ċertu punt; jinsab imħasseb, madankollu, dwar l-għadd ta' kwistjonijiet identifikati fir-rapporti preċedenti dwar l-istat tad-dritt li għadhom ma ġewx indirizzati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippersisti fil-monitoraġġ diliġenti tagħha tal-oqfsa legali tal-Istati Membri sabiex tivvaluta l-allinjament tagħhom mar-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, u jistieden ukoll lill-Kummissjoni ssir aktar insistenti dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi kritiċi f'każijiet fejn is-sistemi tal-Istati Membri ma jissodisfawx l-istandards preskritti; jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi ulterjuri biex tindirizza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu;

5. Jilqa' l-appoġġ kontinwu li jingħata lill-partijiet ikkonċernati rilevanti permezz ta' programmi ddedikati, bħall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri; jilqa' l-finanzjament permezz tal-Programm dwar il-Ġustizzja biex jappoġġja l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali u biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-ġustizzja Ewropea, li jinvolvi t-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvesti aktar fis-sensibilizzazzjoni dwar il-valuri tal-Unjoni u l-għodod applikabbli, inkluż ir-rapport annwali, speċjalment f'pajjiżi fejn hemm tħassib serju;

7. Jirrikonoxxi li fl-aħħar rapport jidher ċertu livell ta' progress f'għadd ta' Stati Membri differenti fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja; jilqa', f'dan ir-rigward, iż-żamma tal-fondi tal-UE, jekk ikun meħtieġ, fl-ambitu tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità[6], kif ikkonfermat mill-QĠUE[7], jew fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[8];

---

[4] Briefing — "Council of Europe standards on judicial independence" ("L-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-indipendenza ġudizzjarja"), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, 25 ta' Mejju 2021.

[5] Pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-27 ta' Frar 2018 fil-Kawża C-64/16, *Associação Sindical dos Juízes Portugueses* vs *Tribunal de Contas*, ECLI:EU:C:2018:117, jew is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-19 ta' Novembru 2019, *A.K.* vs *Krajowa Rada Sądownictwa*, Kawżi Magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982. Ara wkoll il-Briefing – "European Court of Justice case law on judicial independence" ("Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar l-indipendenza ġudizzjarja"), Parlament Ewropew. Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, 19 ta' Lulju 2021.

[6] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

[7] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Seduta Plenarja) tas-16 ta' Frar 2022, *l-Ungerija* vs *il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-156/21, ECLI:EU:C:2022:97 u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Seduta Plenarja) tas-16 ta' Frar 2022, *il-Polonja* vs *il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-157/21, ECLI:EU:C:2022:98.

[8] Ir-Regolament (UE) 2012/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-

jirrimarka, madankollu, li l-ksur tal-indipendenza ġudizzjarja għadu ta' tħassib f'xi Stati Membri, bħall-proċeduri dixxiplinari li għaddejjin kontra l-imħallfin minħabba l-kontenut tad-deċiżjonijiet tagħhom, il-problemi rigward il-kompożizzjoni tal-kunsilli tal-ġudikatura u rigward il-kompożizzjoni tal-ogħla qrati nazzjonali fid-dawl tal-prinċipju ta' qorti stabbilita bil-liġi, eċċ.;

8. Ifakkar li sistema ġudizzjarja effiċjenti u ġusta li tiżgura aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd tirrikjedi baġit u finanzjament xierqa tal-korpi ġudizzjarji; jiddispjaċih li r-rapport għadu jiżvela l-eżistenza ta' nuqqasijiet serji f'dan ir-rigward, li b'mod speċifiku jidher li jfixklu l-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' profil għoli; jisħaq, madankollu, li għajnuna legali u rimedji suffiċjenti għandhom ikunu disponibbli wkoll għaċ-ċittadini; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni biex fir-rapport li jmiss dwar l-istat tad-dritt tinkludi valutazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-għajnuna legali fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, bħad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2023 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn[9], peress li l-ġurisprudenza tal-QĠUE tiżvela li għad hemm mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tagħha;

9. Ifakkar li anke s-servizzi ta' prosekuzzjoni, irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fis-sistema nazzjonali tad-diviżjoni tas-setgħat bejn tliet fergħat tal-gvern, għandhom ikunu indipendenti minn pressjoni politika mhux xierqa; jinnota li nkiseb ċertu livell ta' progress f'xi Stati Membri; jiddispjaċih, madankollu, li għadhom jeżistu sistemi fejn il-gvern jista' joħroġ deċiżjonijiet vinkolanti għall-prosekuturi f'każijiet partikolari, fejn il-mandat huwa marbut ma' proċess politiku, jew fejn il-funzjonijiet ta' ministru u prosekutur ġenerali huma kombinati, u b'hekk jippermettu influwenza politika mhux xierqa u joħolqu problemi fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku[10];

10. Jissottolinja, b'mod partikolari, li l-kwistjoni tar-"revolving doors" mhijiex limitata biss għal tħassib dwar ex ministri li jgħaddu minn tranżitu għas-settur privat wara l-mandat tagħhom f'kariga pubblika, iżda testendi għal sitwazzjonijiet fejn individwi jistgħu jassumu rwoli kritiċi fi ħdan il-ġudikatura jew l-uffiċċju tal-prosekutur immedjatament wara s-servizz tagħhom bħala ministri jew affiljazzjoni ma' partit politiku;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tqis kif xieraq tali eżempji fir-rapporti li ġejjin tagħha li jindirizzaw l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob bil-qawwa lill-Istati Membri biex joqogħdu lura minn dawn il-prattiki, speċifikament, billi jimplimentaw dispożizzjonijiet legali li jipprevjenu b'mod attiv lil ex ministri u personalitajiet politiċi ta' livell għoli milli jassumu pożizzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan il-qrati superjuri tal-ġustizzja jew l-uffiċċju tal-prosekutur, u b'hekk jissalvagwardjaw l-indipendenza u l-integrità ta' dawn l-istituzzjonijiet vitali;

Ġlieda kontra l-korruzzjoni

12. Ifakkar li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija essenzjali biex jinżamm l-istat tad-dritt u

---

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

[9] ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41 u r-rettifika tiegħu (ĠU L 32, 7.2.2003, p. 15).

[10] Pereżempju, l-Opinjoni Nru 9 tas-17 ta' Diċembru 2014 tal-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej dwar in-normi u l-prinċipji Ewropej li jikkonċernaw il-prosekuturi.

biex tinżamm u titrawwem il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi; ifakkar, barra minn hekk, li biex tkun effettiva, din tirrikjedi qafas legali u amministrattiv robust kontra l-korruzzjoni bbażat fuq l-integrità, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, b'mod partikolari fil-ħajja pubblika, filwaqt li jenfasizza l-iżvelar tad-dikjarazzjonijiet ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi fejn applikabbli;

13. Jiddikjara li l-korruzzjoni hija theddida li tista' teqred id-demokraziji u ddgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet, u għandha tiġi miġġielda fil-forom kollha tagħha; jirrimarka li l-korruzzjoni hija l-aktar triq komuni li permezz tagħha l-kriminalità organizzata tinfiltra u tikkontrolla l-ekonomija; jinsab imħasseb li l-aħħar Rapport ma juri l-ebda progress jew progress bil-mod ħafna biss fir-rigward tal-miżuri ta' prevenzjoni kontra l-korruzzjoni f'diversi Stati Membri; jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' rieda mid-detenturi ta' karigi pubbliċi u uffiċjali għolja biex jistabbilixxu reġistri ta' lobbisti, reġistri ta' trasparenza u sistemi xierqa ta' dikjarazzjonijiet tal-assi, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' rieda politika li jiġu introdotti regoli stretti fi ħdan il-politiki ta' "revolving doors"; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' proċedura leġiżlattiva trasparenti b'aċċess wiesa' għad-dokumenti, u regoli biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi bil-għan li tiġi evitata l-korruzzjoni[11];

14. Jitlob ukoll, f'dan il-kuntest, lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jaderixxu mal-ogħla standards possibbli bil-għan li tiġi evitata l-korruzzjoni, bħal, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' Korp tal-Etika tal-UE effettiv, l-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament 1049/2001[12] dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, u l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-kondizzjonalità fir-rigward tar-Reġistru ta' Trasparenza tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jippruvaw jilħqu ftehim malajr kemm jista' jkun dwar id-direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni bil-għan li jiġi stabbilit qafas komuni u omoġenju ta' kodiċijiet ta' kondotta, standards li jipprevjenu l-kunflitti ta' interess u regoli li jiżguraw it-trasparenza tal-proċeduri;

15. Jirrikonoxxi ż-żieda sostanzjali f'dawn l-aħħar snin fl-importanza kwantitattiva tal-fondi allokati mill-Unjoni Ewropea, inklużi l-fondi NextGenerationEU; jirrikonoxxi li, b'riżultat ta' dan, il-preżenza tad-dispożizzjonijiet legali fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri mfassla biex tipprevjeni l-użu ħażin ta' dawn il-fondi assumiet l-akbar importanza;

16. Ifakkar li l-ebda settur ma huwa sikur mir-riskju ta' korruzzjoni, inklużi dawk li jimmaniġġjaw fondi pubbliċi sinifikanti jew li għandhom aċċess għal infrastrutturi u servizzi kritiċi, bħall-kura tas-saħħa u l-kostruzzjoni; jenfasizza li l-gruppi tal-kriminalità organizzata għandhom rwol dejjem aktar importanti f'attivitajiet li jinkludu l-iffalsifikar, il-piraterija u l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u li żdiedu sostanzjalment fl-ambjent diġitali; ifakkar li l-gruppi kriminali involuti f'dawn l-

[11] Ara, f'dan il-kuntest, l-Artikolu 3 tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2023 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2023)0234).

[12] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

attivitajiet illegali spiss jużaw il-profitti biex jiffinanzjaw attivitajiet illegali oħra;

17. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapporti li jmiss tagħha dwar l-istat tad-dritt, tinkorpora evalwazzjoni tal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin b'rabta mas-sorveljanza tal-użu xieraq tal-fondi pubbliċi, kif ukoll il-mekkaniżmi legali fis-seħħ biex tindirizza kwalunkwe użu mhux xieraq tal-fondi pubbliċi;

18. Ifakkar fl-appoġġ qawwi tal-Parlament għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-UPPE bħala korp indipendenti tal-UE fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza li minn meta beda l-operazzjonijiet tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2021, l-UPPE rreġistra aktar minn 4 000 rapport dwar kriminalità minn Stati Membri parteċipanti tal-UE u minn partijiet privati u nfetħu aktar minn 929 investigazzjoni (sa Ġunju 2022);

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex f'każijiet fejn il-livell ta' salvagwardji għall-fondi pubbliċi jinstab li tbaxxa, minnufih tidħol f'kuntatt mal-Istat Membru jew l-Istati Membri affettwati, filwaqt li titlob l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri meħtieġa biex din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata;

Soċjetà ċivili

20. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-Unjoni fejn stieden lill-Kummissjoni tipproponi pakkett ta' liġijiet kemm vinkolanti kif ukoll mhux vinkolanti biex tindirizza n-numru dejjem akbar ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, jew SLAPPs; jilqa' l-proposta leġiżlattiva u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-27 ta' April 2022 li jindirizzaw it-talba tal-Parlament f'dan ir-rigward; jisħaq li s-SLAPPs huma forma partikolari ta' fastidju użat primarjament kontra l-ġurnalisti biex jipprevenuhom milli jitkellmu jew jippenalizzawhom talli jitkellmu dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku billi jiġu soġġetti għal kawżi twal, ta' piż u li jiswew ħafna flus; jistieden lill-Istati Membri jlaħħqu mal-ambizzjonijiet fil-miżuri proposti u jżidu l-isforzi biex itejbu s-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti;

21. Jinnota bi tħassib kbir it-tiċkin b'mod ġenerali tal-ispazju tas-soċjetà ċivili f'ċerti Stati Membri, li jirrappreżenta theddida serja għall-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u valuri oħra tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-isfidi u l-attakki li tiffaċċja s-soċjetà ċivili bħala parti mill-ħidma annwali tagħha ta' valutazzjoni u rappurtar tal-istat tad-dritt u tinkludi konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet immirati fir-rapport tagħha; itenni t-talba tiegħu, f'dan ir-rigward, li jiġi ddedikat kapitolu separat għall-istat tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri;

22. Jenfasizza li l-qafas legali attwali fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali mhuwiex biżżejjed biex jistabbilixxi u jappoġġja soċjetà ċivili pan-Ewropea b'saħħitha, li l-eżistenza tagħha hija meħtieġa għad-demokrazija; jemmen, għalhekk, li statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri tal-UE se jipprovdi saff addizzjonali ta' protezzjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed

jiffaċċjaw ostakli indebiti għall-istabbiliment u l-funzjonament tagħhom[13]

[13] Ara, f'dan ir-rigward, ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri Ewropej (ĠU C 342, 6.9.2022. p. 225).

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	29.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Ilana Cicurel, Geoffroy Didier, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Pascal Durand, Heidi Hautala
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sylvie Guillaume, Pedro Marques, Anne-Sophie Pelletier

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

20	+
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Pascal Arimont, Daniel Buda, Geoffroy Didier, Jiří Pospíšil, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
Renew	Ilana Cicurel, Pierre Karleskind, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
S&D	Pascal Durand, Ibán García Del Blanco, Sylvie Guillaume, Pedro Marques, Tiemo Wölken
The Left	Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Heidi Hautala, Sergey Lagodinsky

2	-
ID	Virginie Joron, Gilles Lebreton

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni